# IS-SUQ INTERN: IL-PRINĊIPJI ĠENERALI

Is-suq intern huwa żona ta' prosperità u libertà, li tagħti aċċess għal prodotti, servizzi, impjiegi, opportunitajiet ta' negozju u rikkezza kulturali. Sforzi kontinwi huma meħtieġa biex jiġi żgurat l-approfondiment ulterjuri tas-suq uniku li jista' jrendi gwadanji sinifikanti għall-konsumaturi u n-negozji tal-UE. B'mod partikulari, is-suq uniku diġitali jiftaħ opportunitajiet ġodda biex tiġi stimulata l-ekonomija (permezz tal-kummerċ elettroniku), filwaqt li titnaqqas il-burokrazija (permezz tal-governanza elettronika u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi). Riċerka reċenti tindika li l-prinċipji tal-moviment liberu tal-merkanzija u s-servizzi, flimkien mal-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam jiġġeneraw benefiċċji stmati għal EUR 985 biljun fis-sena.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA U L-OBJETTIVI

L-Artikoli 4(2)(a), 26, 27, 114 u 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Is-suq komuni maħluq mit-Trattat ta' Ruma fl-1958 kien maħsub sabiex jelimina l-ostakli kummerċjali bejn l-Istati Membri bil-għan li tiżdied il-prosperità ekonomika u jingħata kontribut għal "unjoni dejjem eqreb fost il-popli tal-Ewropa". L-Att Uniku Ewropew tal-1986 inkluda l-objettiv li jiġi stabbilit is-suq intern fit-Trattat tal-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE), u ddefinixxih bħala "żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital ikun żgurat".

## IL-KISBIET

### A. Is-suq komuni tal-1958

Is-suq komuni, l-objettiv prinċipali tat-Trattat ta' Ruma, intlaħaq permezz tal-unjoni doganali tal-1968, it-tneħħija tal-kwoti, il-moviment liberu taċ-ċittadini u l-ħaddiema, u grad ta' armonizzazzjoni tat-taxxa bl-introduzzjoni ġenerali tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fl-1970. Madankollu, il-libertà ta' kummerċ tal-merkanzija u s-servizzi u l-libertà tal-istabbiliment kienu għadhom limitati minħabba l-prattiki antikompetittivi kontinwi imposti minn awtoritajiet pubbliċi.

### B. It-tnedija tas-suq intern fis-snin tmenin u l-Att Uniku Ewropew

In-nuqqas ta' progress fil-kisba tas-suq komuni fil-parti l-kbira kien attribwit għall-għażla ta' metodu ta' armonizzazzjoni leġiżlattiva dettaljat wisq u għar-regola li kienet tirrikjedi l-unanimità għad-deċiżjonijiet meħuda fil-Kunsill. F'nofs is-snin tmenin, id-dibattitu politiku dwar din il-kwistjoni wassal lill-KEE tqis approċċ aktar bir-reqqa bil-għan li tneħħi l-ostakli kummerċjali: is-suq intern.

L-Att Uniku Ewropew daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1987, u stabbilixxa skadenza preċiża sal-31 ta' Diċembru 1992 biex jitlesta s-suq intern. Huwa saħħaħ ukoll il-mekkaniżmi ta' teħid ta' deċiżjonijiet għas-suq intern billi daħħal il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għat-tariffi doganali komuni, il-forniment liberu tas-servizzi, il-moviment liberu tal-kapital u l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Sa tmiem l-iskadenza, aktar minn 90% tal-atti leġiżlattivi mniżżla fil-White Paper tal-1985 kienu ġew adottati, fil-parti l-kbira tagħhom permezz tar-regola tal-maġġoranza kwalifikata.

## C. Lejn responsabilità kondiviża sabiex jitlesta s-suq intern

Is-suq intern ta kontribut sinifikanti għall-prosperità u l-integrazzjoni tal-ekonomija tal-UE. Strateġija ġdida tas-suq intern li kienet topera bejn l-2003 u l-2010 ffukat fuq il-ħtieġa li jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-merkanzija, li jiġu integrati s-swieq tas-servizzi, li jitnaqqas l-impatt tal-ostakli fiskali u li jiġi ssimplifikat l-ambjent regolatorju. Sar progress sostanzjali fil-ftuħ tas-servizzi tat-trasport, tat-telekomunikazzjonijiet, tal-elettriku, tal-gass u tal-posta.

Fil-komunikazzjoni bit-titolu “Governanza aqwa tas-Suq Uniku” (COM(2012)0259), il-Kummissjoni pproponiet miżuri orizzontali bħal enfasi fuq regolamenti ġodda, ċari u li jistgħu jiġu implimentati faċilment, użu aħjar tal-għodod eżistenti tal-IT biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suq uniku, u l-istabbiliment ta' ċentri nazzjonali li jissorveljaw l-operazzjoni tas-suq uniku. Il-monitoraġġ huwa parti integrali mir-rapporti annwali dwar l-integrazzjoni tas-suq uniku fil-kuntest tal-proċess tas-Semestru Ewropew.

## D. It-tnedija mill-ġdid tas-suq intern fl-2010

F'Ottubru 2010 il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni bit-titolu “Lejn Att dwar is-Suq Uniku” biex għal darb'oħra tagħti spinta lis-suq uniku Ewropew u tqiegħed lill-pubbliku, lill-konsumaturi u lill-SMEs fil-qalba tal-politika tas-suq uniku (COM(2010)0608). Ġew ippreżentati sensiela ta' miżuri biex tingħata spinta lill-ekonomija tal-UE u jinħolqu l-impjiegi, u dan sarraf f'politika tas-suq uniku aktar ambizzjuża.

F'Ottubru tal-2012, il-Kummissjoni ippreżentat l-Att dwar is-Suq Uniku II (COM(2012)0573) sabiex jiġi żviluppat aktar is-suq uniku u jiġi utilizzat kompletament il-potenzjal mhux sfruttat tiegħu bħala mutur għat-tkabbir. L-Att jistabbilixxi 12-il azzjoni ewlenija għall-adozzjoni rapida mill-istituzzjonijiet tal-UE. Dawn l-azzjonijiet huma kkonċentrati fuq l-erba' muturi prinċipali tat-tkabbir, l-impjiegi u l-fiduċja: (1) in-networks integrati, (2) il-mobilità transfruntiera taċ-ċittadini u n-negozji, (3) l-ekonomija diġitali, u (4) l-azzjonijiet li jsaħħu l-koeżjoni u l-benefiċċji għall-konsumaturi.

L-Att dwar is-Suq Uniku II isegwi fuq il-passi ta' sett inizjali ta' miżuri ppreżentati mill-Kummissjoni – l-Att dwar is-Suq Uniku I – u jinkludi l-azzjonijiet li ġejjin li jimmiraw lejn suq uniku aktar profond u integrat aħjar:

— il-mobilità tan-negozju (eż. l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet biex jimmobilizzaw l-investiment fuq terminu twil ta' żmien, l-immodernizzar tal-proċeduri ta' insolvenza u għajnuna għall-ħolqien ta' ambjent li joffri opportunità ġdida lil dawk l-intraprendituri li ma jkunux irnexxew);

— l-ekonomija diġitali (bħala pass lejn it-tlestija tas-suq uniku diġitali sal-2015, il-Kummissjoni pproponiet li l-kummerċ elettroniku jkun promoss fl-UE permezz ta' servizzi ta' ħlas li jistgħu jintużaw b'mod aktar faċli, aktar affidabbli u aktar

kompetittivi. Ġiet enfasizzata wkoll il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tan-nuqqas ta' investiment f'konnessjonijiet broadband b'veloċità għolja u biex l-istandard tal-fatturazzjoni elettronika jsir fi proċeduri ta' akkwist pubbliku);

— il-fiduċja tal-konsumatur (eż. li jiddaħħlu miżuri biex ikun żgurat l-aċċess wiesa' għall-kontijiet bankarji, kif ukoll tariffi trasparenti u komparabbli relatati mal-kontijiet u bdil faċli minn kont bankarju għal ieħor).

Il-Kummissjoni kellha tippreżenta l-proposti leġiżlattivi ewlenin kollha marbuta mal-Att dwar is-Suq Uniku II sar-rebbiegħa tal-2013, u l-proposti mhux leġiżlattivi sal-aħħar tal-2013. Il-Parlament u l-Kunsill intalbu jadottaw proposti leġiżlattivi bħala kwistjoni ta' prijorità. Il-progress ġie ppreżentat fl-istudju bit-titolu "Single Market Act: State of Play"[1] (L-Att dwar is-Suq Uniku: Is-Sitwazzjoni Attwali)

Fit-28 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni bit-titolu "Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozji" (COM(2015)0550), li ffokat fuq l-iżgurar ta' benefiċċji prattiċi għan-nies fil-ħajja tagħhom ta' kuljum u li joħolqu opportunitajiet addizzjonali għall-konsumaturi, il-professjonisti u n-negozji. Dan ikkomplementa l-isforzi tal-Kummissjoni biex tingħata spinta lill-investiment, jiġu sfruttati l-opportunitajiet tas-suq uniku diġitali u jitjiebu l-kompetittività u l-aċċess għall-finanzi. L-istrateġija kellha wkoll l-għan li tiżgura suq intern tal-enerġija li jiffunzjona sew u tippromwovi u tiffaċilita l-mobilità tal-forza tax-xogħol filwaqt li tipprevjeni l-abbuż tar-regoli. Biex jitjiebu aktar il-prattiki kummerċjali fis-suq uniku, id-Direttiva (UE) 2019/633, li pprojbiet ċerti prattiki kummerċjali inġusti, kienet adottata fis-17 ta' April 2019. Dawn il-prattiki kummerċjali inġusti jinkludu pagamenti tard għal ikel li jitħassar u kanċellazzjonijiet ta' ordnijiet fl-aħħar minuta.

Bħalissa, waħda mill-aktar kwistjonijiet ta' sfida fl-iżvilupp tas-suq intern hija l-implimentazzjoni tal-komponent diġitali tagħha. F'Mejju 2015, il-Kummissjoni adottat Strateġija għal Suq Uniku Diġitali (COM(2015)0192), li stabbiliet programm leġiżlattiv intensiv għall-bini ta' ekonomija diġitali Ewropea, li tkompliet fl-Aġenda għall-Ewropa[2].

Matul il-pandemija tal-COVID-19, fil-komunikazzjoni tagħha bit-titolu "Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss" (COM(2020)0456), il-Kummissjoni ħabbret li d-diġitalizzazzjoni tas-suq uniku tkun pilastru essenzjali għall-irkupru mill-kriżi. Dan ser ikun ibbażat fuq erba' elementi: (1) investiment f'konnettività aħjar, (2) preżenza industrijali u teknoloġika aktar b'saħħitha f'partijiet strateġiċi tal-katina tal-provvista (eż. l-IA, iċ-ċibersigurtà, l-infrastruttura tal-cloud, il-5G), (3) ekonomija tad-data reali u spazji komuni tad-data Ewropej, u (4) ambjent kummerċjali aktar ġust u aktar faċli.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament kien il-mutur ewlieni fil-proċess li wassal biex jinħoloq is-suq intern. B'mod speċifiku, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 1997, il-Parlament appoġġa l-idea li

[1]Dan l-istudju ġie kkummissjonat mid-Dipartiment Tematiku għall-Politiki Ekonomiċi, Xjentifiċi u tal-Kwalità tal-Ħajja fi ħdan il-Parlament Ewropew, f'isem il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO).
[2]"Unjoni li tirsisti għal aktar:L-aġenda tiegħi għall-Ewropa", Linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2019-2024.

sal-2002 is-suq intern jinbidel f'suq domestiku integrat bis-sħiħ. F'diversi riżoluzzjonijiet adottati fl-2006 (eż. dawk tat-12 ta' Frar, tal-14 ta' Frar, tas-16 ta' Mejju u tas-6 ta' Lulju), il-Parlament appoġġa l-idea li s-suq intern kien qafas komuni u punt ta' referenza għal bosta politiki tal-UE.

Il-Parlament kellu rwol attiv ukoll fit-tnedija mill-ġdid tas-suq intern. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2010 dwar ir-realizzazzjoni tas-suq uniku għall-konsumaturi u ċ-ċittadini, il-Parlament enfasizza li għandhom jittieħdu miżuri sabiex il-konsumaturi u l-SMEs jiġu infurmati u jingħataw aktar setgħa b'mod aktar effettiv, u biex tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini. Il-Parlament ippubblika risposti oħrajn għall-Att dwar is-Suq Uniku bi tliet riżoluzzjonijiet adottati fis-6 ta' April 2011: "Governanza u Sħubija fis-Suq Uniku", "Suq Uniku għall-Ewropej" u "Suq Uniku għall-Impriżi u t-Tkabbir".

Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-20 ta' April 2012 dwar "Suq uniku diġitali kompetittiv – il-Gvern elettroniku bħala xprun", enfasizzat il-ħtieġa ta' qafas legali ċar u koerenti għar-rikonoxximent reċiproku tal-awtentikazzjoni elettronika, l-identifikazzjoni elettronika u l-firem elettroniċi (li hu meħtieġ sabiex jiggarantixxu li s-servizzi amministrattivi transfruntiera jkunu jistgħu joperaw fl-UE kollha). Din ġiet segwita mir-riżoluzzjoni tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern.

Fil-11 ta' Diċembru 2012, il-Parlament adotta wkoll żewġ riżoluzzjonijiet mhux leġiżlattivi relatati mas-suq intern, waħda dwar it-twettiq tas-suq uniku diġitali u oħra dwar strateġija dwar il-libertà diġitali fil-politika barranija tal-UE, fejn enfasizza l-appoġġ qawwi tiegħu għall-prinċipju tan-newtralità tal-internet. Dan ifisser li fornituri tas-servizzi tal-internet m'għandhomx jimblokkaw, jiddiskriminaw kontra, ixekklu, jew jiddegradaw, anki permezz ta' tariffi, l-abilità ta' kwalunkwe persuna li tuża servizz biex ikollha aċċess, tuża, tibgħat, tippowstja, tirċievi, jew toffri kwalunkwe kontenut, applikazzjoni, jew servizz tal-għażla tagħha irrispettivament mis-sors jew il-mira. Ir-riżoluzzjoni stiednet ukoll lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jippromwovu u jippreservaw standards għoljin ta' libertà diġitali fl-UE. L-għan tar-riżoluzzjonijiet kien li jiġu żviluppati l-politika u l-prattika bil-ħsieb li jiġi stabbilit suq uniku diġitali reali fl-UE sabiex ilaħħaq ma' settijiet differenti ta' regoli nazzjonali fl-oqsma ewlenin. Il-prinċipji tan-newtralità tal-internet u l-internet miftuħ, kif ukoll it-tneħħija tat-tariffi tar-roaming, ġew introdotti bħala parti minn pakkett leġiżlattiv li jistabbilixxi miżuri dwar is-suq uniku Ewropew għal komunikazzjonijiet elettroniċi u sabiex jinkiseb Kontinent Konness (COM(2013)0627).

Il-Parlament kien partikolarment attiv fil-qasam tal-governanza tas-suq uniku. Il-Parlament adotta r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2013 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-governanza tas-Suq Uniku li jistabbilixxu ċiklu ta' governanza tas-suq uniku bħala pilastru speċifiku tas-Semestru Ewropew. Barra minn hekk, il-Parlament adotta r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2014 dwar il-governanza tas-Suq Uniku fil-qafas tas-Semestru Ewropew 2014, segwita mir-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Frar 2014 dwar SOLVIT. Il-Parlament imbagħad adotta r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2016 bit-titolu "Lejn regolamentazzjoni mtejba tas-suq uniku",

Fis-26 ta' Mejju 2016, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-Istrateġija għas-Suq Uniku fejn talab li jkun hemm suq uniku aktar innovattiv, aktar profond u aktar ġust. Sabiex ikun iffaċilitat l-aċċess online għall-informazzjoni, il-proċeduri amministrattivi u s-servizzi ta' assistenza li ċ-ċittadini u n-negozji jeħtieġu, il-Parlament ippromwova

l-istabbiliment ta' portal diġitali uniku (ir-Regolament (UE) 2018/1724), previst għat-tmiem tal-2020.

Ir-riċerka kkummissjonata mill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) tindika l-ħtieġa li l-ekonomija tal-UE tkun iffukata fuq politiki aktar diġitali, ekoloġiċi u soċjali[3]. Fit-2 ta' Diċembru 2020, il-Kumitat IMCO approva rapport bit-titolu "It-tisħiħ tas-Suq Uniku:il-futur tal-moviment liberu tas-servizzi". Ir-rapport jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-implimentazzjoni tar-regoli tas-suq uniku għas-servizzi u li tittejjeb l-azzjoni ta' infurzar tal-Kummissjoni.

Qabel il-proposta tal-Kummissjoni ta' Att dwar Servizzi Diġitali ġdid fl-2020, id-Dipartiment Tematiku għall-Politiki Ekonomiċi, Xjentifiċi u tal-Kwalità tal-Ħajja tal-Parlament organizza sessjoni ta' ħidma f'isem il-Kumitat IMCO bit-titolu "E-commerce rules, fit for the digital age" (Ir-regoli dwar il-kummerċ elettroniku, adattati għall-era diġitali), fejn l-esperti u l-partijiet ikkonċernati esprimew il-ħtieġa li jitneħħew l-ostakli transfruntiera li fadal għall-kummerċ elettroniku sabiex jinkisbu l-benefiċċji kollha tas-suq intern.

Fl-20 ta' Ottubru 2020, il-Parlament adotta tliet riżoluzzjonijiet intitolati "L-Att dwar is-Servizzi Diġitali:Titjib tal-funzjonament tas-Suq Uniku", "Att dwar is-Servizzi Diġitali:adattament tar-regoli tad-dritt kummerċjali u ċivili għall-entitajiet kummerċjali li joperaw online", u "l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-kwistjonijiet li jinħolqu rigward id-drittijiet fundamentali".

F'April 2020, matul it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, il-Parlament ħareġ riżoluzzjoni li fiha enfasizza li s-suq uniku hu s-sors tal-prosperità kollettiva u tal-benessri Ewropea u li hu element ewlieni tar-rispons immedjat u kontinwu għall-pandemija. Webinar organizzat fid-9 ta' Novembru 2020 għall-Kumitat IMCO analizza l-impatt tal-COVID-19 fuq is-suq intern u l-protezzjoni tal-konsumatur, u ssuġġerixxa x'jista' jsir biex jiġi żgurat suq intern li jiffunzjona tajjeb issa u fi kriżijiet futuri.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2020, il-Parlament fakkar li ż-żona Schengen hija kisba apprezzata ħafna fil-qalba tal-proġett tal-UE, u appella lill-Istati Membri biex inaqqsu r-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu u biex iżidu l-isforzi tagħhom ħalli tinkiseb it-tlestija tal-integrazzjoni ta' Schengen.

Riċerka reċenti tindika li l-prinċipji tal-moviment liberu tal-merkanzija u s-servizzi u l-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam jiġġeneraw benefiċċji stmati għal EUR 985 biljun fis-sena[4].

---

[3]Id-dokumenti ta' riċerka jinkludu: "Reducing costs and barriers for businesses in the single market" (It-tnaqqis tal-ispejjeż u l-ostakli għan-negozji fis-suq uniku) (2016), "A longer lifetime for products: benefits for consumers and companies" (Ħajja itwal għall-prodotti: benefiċċji għall-konsumaturi u l-kumpaniji) (2016), "Social economy" (L-ekonomija soċjali) (2016). Aktar reċentement: "The European Services Sector and the Green Transition" (Is-Settur tas-Servizzi Ewropew u t-Tranżizzjoni Ekoloġika) (2020), "The EU's Public Procurement Framework" (Il-Qafas tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku) (2020), "Sustainable Consumption and Consumer Protection Legislation" (Leġiżlazzjoni dwar il-Konsum Sostenibbli u l-Protezzjoni tal-Konsumatur) (2020) u "Promoting product longevity" (Il-promozzjoni tal-lonġevità tal-prodotti) (2020).
[4]Poutvaara P. et al., 2019, Contribution to Growth: Free Movement of Goods. Delivering economic benefits for citizens and businesses, (Kontribut għat-Tkabbir: Moviment Liberu tal-Merkanzija. Twassil ta' benefiċċji ekonomiċi għaċ-ċittadini u n-negozji), Pubblikazzjoni għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, Dipartiment Tematiku għall-Politika Ekonomika, Xjentifika u tal-Kwalità tal-Ħajja, Parlament Ewropew, il-Lussemburgu; Pelkmans J. et al., 2020, Contribution to Growth: The Single Market for Services. Delivering economic benefits for citizens and businesses" (Kontribut għat-Tkabbir: Is-Suq Uniku għas-Servizzi. Twassil ta' benefiċċji ekonomiċi għaċ-ċittadini u n-negozji), Pubblikazzjoni għall-Kumitat għas-Suq

Studju ppubblikat mid-Dipartiment Tematiku għall-Politiki Ekonomiċi, Xjentifiċi u tal-Kwalità tal-Ħajja f'Novembru 2020 bit-titolu "Legal barriers in Member States to Single Market rules" [5](L-ostakli legali fl-Istati Membri għar-regoli tas-Suq Uniku ) sab li għalkemm is-suq uniku tal-UE kien każ ta' suċċess kbir tal-integrazzjoni tas-suq, għad hemm ostakli fl-Istati Membri li jipprevjenu lis-suq uniku milli jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu. L-istudju jitlob skrutinju aktar lokalizzat tar-regoli nazzjonali proposti li jistgħu potenzjalment ikunu f'kunflitt mar-regoli u l-prinċipji tas-suq uniku.

Mariusz Maciejewski / Christina Ratcliff / Amy McGourty
12/2020

Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, Dipartiment Tematiku għall-Politika Ekonomika, Xjentifika u tal-Kwalità tal-Ħajja, Parlament Ewropew, il-Lussemburgu.

[5]Dahlberg, E. et al., 2020, Legal obstacles in Member States to Single Market rules (L-ostakli legali fl-Istati Membri għar-regoli tas-Suq Uniku), Pubblikazzjoni għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, Dipartiment Tematiku għall-Politika Ekonomika, Xjentifika u tal-Kwalità tal-Ħajja, Parlament Ewropew, il-Lussemburgu.